**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Frar, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neil Harrison)**

**-vs-**

**Carmel sive Charles Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita'numru 387261M**

*Kumpilazzjoni Nru. 13/2003*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Carmel sive Charles Spiteri u ċioè talli:

Fit-12 ta' Ġunju, 2002, u matul l-aħħar ġranet qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga u naqas li japprova li d-

droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emmendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu; u

2. Talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Magt A. Lofaro) fis-06 ta' Lulju, 2000.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordnalu jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-31 ta' Lulju, 2002,[1] moghti mill-Avukat Generali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medici Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz id-diversi noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Gunju, 2002, u fil-jiem ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-30 ta' Jannar, 2017.

Illi fit-tieni lok ghandu jigi sottolinejat li din il-Qorti qed tiskarta ghal kollox l-istqarrija rrilaxxata mill-imputat u dan fid-dawl ta' gurisprudenza ricenti minkejja li ma saret ebda ammissjoni minnu. Kif

[1] Fol.14

irriteniet l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**[2]:

"Illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata......

Issir riferenza ukoll ghal dak dikjarat mill-Qorti Kriminali[3]:

"........din il-Qorti ma tistax tinjora principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda fuq kollox ghandu isib applikazzjoni u ghalhekk jigi estiz ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna fejn il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn. Dan il-hsieb izda gie mibdul mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza recenti fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza fit-03 ta' Mejju 2016 fejn inghad hekk:

**Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.**

U ghalhekk wasslet ghad-decizjoni illi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti koncernanti s-sitwazzjoni legali f'Malta qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010:

**".... il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-istess Konvenzjoni fis-sens li ma nghatatx l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant mill-pulizija."**

---

[2] Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014, per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima.

[3] Decizjoni fuq Eccezzjonijiet Preliminari. Att t'Akkuza 17/2014 fl-ismijiet Ir-**Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech.** 02.06.2016

Issa xi ighidu dawn id-decizjoni recenti[4] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?

Illi f'decizjoni recenti[5] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu sewgieti mill-qrati meta inghad:

"**Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**

**The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."**

Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6:

"**60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, *Salduz*, cited above, § 56; *Navone and Others v. Monaco,* 24 October 2013; *Brusco v. France*, October 2010; and *Stojkovic v. France and Belgium*, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; *Yeşilkaya v. Turkey*, no. 59780/00, 8 December 2009; and *Fazli Kaya v. Turkey*, no. 24820/05, 17 September 2013).**

**61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused**

[4] **Mario Borg vs Malta,** 37537/13 12/01/2016

[5] **Mario Borg vs Malta,** 37537/13 12/01/2016

**persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.**"

Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[6] ighid hekk fl-opinjoni tieghu:

**"the interpretation of *Salduz* by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". …. Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of *Salduz*."**

Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: **–**

**"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."**

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb

[6] Vide partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni **Mario Borg vs Malta**

ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xortwahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)[7] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.

**"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.**

**32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see *Salduz*, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.**

**33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see *Salduz*, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."** (sottolinjar tal-Qorti)

Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza[8] gie deciz:

**"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."**

---

[7] **Dayanan vs Turkey** – 7377/03; deciza 13/10/2009

[8] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above). The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention.

Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta[9] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:

**".... it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose.""**

Illi **Neil Harrison,** dak iz-zmien spettur, xehed kif wara li rcieva informazzjoni anonima dwar l-imputat li kien ser ikollu fuqu ammont ta' kokajina fil-hin li kien ser ikun fl-inhawi ta' Birkirkara, iddelega lil PS536, PC101 u PC1099 sabiex jipprestaw attenzjoni ghall-imputat, gja maghruf maghhom, u jekk jarawh, iwaqqfuh u jaghmlulu tfittxija.[10] Ghall-habta ta' 13:15hrs kien intlemah f'Birkirkara isuq pick up bin-numru HAP463 u wara li gie segwit gie mwaqqaf fl-inhawi ta' Tal-Ballal, meta issa kienu saru is-13:35hrs. Saret tfittxija u instabu madwar 40 gramma kokajina f'borza tal-plastic **bejn** is-seat tal-passiggier u s-centre console tal-vettura. Fis-centre console kien hemm ukoll mizien elettroniku u fil-bieba tax-xufier *bicarbonate of soda*. Instab mobile u LM545.[11]

Illi gie esebit process verbal fejn fih gew esebiti diversi ritratti fosthom tal-console hekk kif infethet, izda aktar importanti minn hekk, il-borza tal-plastik li wara rrizulta kienet kontenenti id-droga kojaina. Illi kuntrarjament ghal dak li jixhed l-ispettur Harrison u kif kjarament juru r-ritratti esebiti u kif *del resto* jinsab dokumentat fir-relazzjoni tas-*scene of crime officers* PS659 Jeffrey Hughes u PS602 Jonathan Attard, il-borza ma kienitx bejn il-console u s-seat tal-passiggier izda **bejn il-console u s-**

[9] 02/07/2015 – 34373/13
[10] Fol.5
[11] Fol.6

**seat tax-xufier**.[12] Fil-fatt ir-ritratti 02 BMZ 08 u 02 BMZ 13 (f'dan tal-ahhar identifikat kjarament mis-swied li jidher fuq il-parti t'isfel tas-seat li jidher anke fir-ritratt 02 BMZ 08) u 02 BMZ 14 ma jhallu ebda dubbju dwar fejn kienet mqeghda il-borza. Daqstant iehor il-ritratti 02 BMZ 15 (**tal-mizien elettroniku fil-console**) u 02 BMZ 12 b'dan tal-ahhar juri il-bott tal-*bicarbonate of soda*.[13] Il-fatt li l-mizien instab fil-console u il-fatt li bhala borza kien hemm wahda b'ohra fiha, tassumi rilevanza meta f'Ottubru, 2017 jixhed Charles Sammut, kif jigi muri aktar il-quddiem.[14]

Illi meta xehed **PC1013 Raymond Debono,** wara li gew murija lilu r-ritratti rilevanti, ikkonferma li l-oggetti misjuba kienu precizament fil-post li fihom jidhru fuq ir-ritratti.[15] Ix-xhud wara li jikkonferma li dak kollu instab fil-vettura baqa' fil-post fejn instab sabiex jigu elevati minn membri tal-forensika, jispejga: *"kont waqqaftu limiti tal-Balal f'San Gwann. ….u kif ftahna l-bieba fin-naha tan-nofs tal-vettura, il-console, kien hemm borza bi trab abjad mahsuba droga…..il-borza kienet kwazi mifqugha u kien hemm xi trab hiereg minn go fiha, l-borza."*[16] **Dan ifisser li appena li l-ufficjali tal-pulizija dahhlu fil-vettura mill-ewwel dehret il-*"borza bi trab abjad"*; kienet vizzibbli.**

Illi dan jerga jigi kkonfermat minn **PC1099 Charles Farrugia** li wara li jispjega li kien gie mwaqqaf l-imputat *"magenb is-seat tan-naha tax-xufier kien hemm borza bi trab abjad….go glove compartment bejn is-seats kien hemm borza tal-karti li kien hemm mizien u minn go bieba n-naha tax-xufier kien hemm bott li kien fih il-bicarbonate."*[17] Ix-xhud ikkonferma ukoll r-ritratti esebiti fl-inkjesta u li gja` saret riferenza ghalihom.

Illi **PS536 Jason Caruana** xehed kif kien qed issegwi lill-imputat u kif intercettawh, ghalquh u hu tefa` mal-genb.[18] Kien twaqqaf fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Ballal[19] *"Jiena sa kemm ilhaqnih jiena wahdu rajtu….Ma rajtux jieqaf"*.[20]

---

[12] Fol.31 ***"Oggetti li kienu bejn is-sedil tax-xufier u il-console tan-nofs 02 BMZ 201 Borza tal-plastik trasparenti b'xi tracci ta' trab ta' lewn abjad go fih…."***
[13] Ritratti esebiti a fol. 35
[14] Fol.480
[15] Fol.60
[16] Fol.59
[17] Fol.85-86
[18] Fol.46
[19] Fol.49
[20] Fol.50

Illi l-**Ispizjar Mario Mifsud** ikkonkluda li ma nstabux sustanzi illegali la fil-bott tal-bicarbonat of soda u lanqas fuq il-mizien elettroniku. Madanakollu t-trab li kien instab fil-borza kellu piz ta' **34.921 grammi u fih instabet is-sustanza kokajina b'purita` ta' 30%**.[21]
Illi l-imputat **Carmel Spiteri** ghazel li jixhed u spjega kif qabel ma beda jahdem f'confectionery, kien jaghmel xoghol ta' tibjid ma missieru. Fl-2002, fiz-zmien tal-fatti mertu tal-kawza odjerna, hu kien bil-confectionery u ghalkemm kien baqa' jiehu xoghol ta' tibjid kien jaghtih b'*sub-contracting* lil certu Frans Ebejer, lil wiehed maghruf bhala l-Ganu u lil certu Joseph Sammut.[22] Dwar it-Toyota pick-up jghid li dan kien ta' missieru u li kien jintuza biex tingarr fih l-ghodda u l-materjal relatat. Kien jintuza kemm minnu kif ukoll minn Ebejer, Sammut u l-Ganu.[23] Fil-gurnata in kwistjoni il-vettura filghodu ntuzat minn Frans Ebejer u hu kien mar fil-*confectionery*.[24] Ix-xoghol kien qed isir f'bar gewwa Birkirkara – it-31 Bar fejn il-Mithna.[25] Wara li spicca mil-confectionery mar hdejn Ebejer, li kien ghadu bil-pick up, u flimkien marru jaraw isibux xi fanali ghall-istess pick up.[26] Jispjega li wara regghu marru Birkirkara u kif telaq minn hemm gie intercettat mill-Pulizija filwaqt li **nnega li l-oggetti misjuba kienu tieghu** apparti ghall-bott tal-bicarbonate li fi kliemu kien jintuza ghall-freezers.[27]

In kontro-ezami jichad li meta gie mwaqqaf mill-pulizija pprova jifqa' l-borza bis-sustanza illecita u jiddikjara li ma kienx raha[28] minkejja li, kif gja osservat il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tax-xhieda tas-scene of crime officers (li ma ntebbhu biha mill-ewwel), **kienet fid-deher**![29]

Il-Qorti ma tistax ma taghmilx is-segwenti osservazzjonijiet:

---

[21] Fol.72
[22] Fol.113
[23] Fol.116
[24] Fol.117
[25] Fol.116-117
[26] Fol.120
[27] Fol.122
[28] Fol.125
[29] Vide xhieda PC1013 Debono a fol.59 u PC1099 Charles Farrugia a fol.85-86

1. Jekk filghodu kien mar il-confectionery bil-frrezer van (l-Isuzu), kif wara li mar ghall-fanali kien qed jirritorna lura lejn id-dar bil-pick up? Halla l-van warajh?
2. Jekk il-pick up kien ghax-xoghol ta' tibjid, filwaqt li fi kliemu il-bicarbonate kien intiz ghall-freezers li kellhu fil-confectionery, ghaliex il-bicarbonate instab fil-pick up u mhux fl-Isuzu li jsostni kien juza ghax-xoghol tal-confectionery?
3. Ghaliex instab bott daqshekk ckejken tal-bicarbonate – tad-daqs uzat ghall-skopijiet domestici - meta fi kliemu *"kont nuzah hafna ghax bih inaddfu l-freezer taghna, bih konna nnadfuhom il-freezers"*.[30] Kif ma kienx juza prodott *catering size*? U bott wiehed li hu wiehed biss ghal freezers kollha???
4. Jekk kien ser jirritorna bil-pick up u l-Isuzu kien jintuza ghax-xoghol tal-confectionery, kif kien ser jaghmel biex imur lura ghal Isuzu?
5. Kif kien ser jirritorna lura Ebejer galadarba l-imputat hadlu l-pick up liema vettura Ebejer kien juzaha ghax xoghol ta' tibjid etc u biex jigbor lill-lavranti?
6. Kif mir-ritratti esebiti **l-kaxxa tal-van hi nieqsa minn kull bicca ghodda u materjal! J**ekk dan kien ittiehed addiritura minn fuq il-lant tax-xoghol u kien jintuza *"Biex ingorru l-affarijiet tax-xoghol"*[31]fejn kien qed isir tibjid, kisi u madum, x'gara minnhom dawn l-ghoddod u materjal?[32]

Fid-dawl ta' dawn il-mistoqsijiet u tenut kont tal-ispjegazzjoni xejn logika u kredibbli tal-imputat, il-Qorti ma tista' taghti l-ebda piz lil din ix-xhieda. Mhix safe u wisq anqas satisfactory. Ma ghandiex lanqas ombra tas-sewwa u qed tigi skartata!

Illi **Charles Vella** xehed li l-imputat kien ghadda bicca xoghol lilu u lil Frans Ebejer fit-31 Bar hdejn il-Mitha ta' Birkirkara. Jghid li Spiteri kellu Toyota u li din il-bicca xoghol kien hadha l-imputat, mieghu u ma certu Joseph, li l-imputat naqas li jsemma' fix-xhieda tieghu izda ghazel li jikkoncentra biss fuq Ebejer. Dwar l-imputat jghid li *"kien jigi fin-nofs siegha jittawwal u daqshekk"*.[33] It-Toyota kien jintuza filghodu minn Ebejer

---

[30] Fol.123
[31] Fol.116
[32] Fol.141
[33] Fol.130

u Joseph kien juzah biex jaghmel xi qadi fosthom jixtri gir u cement.[34] Vella ikompli kif l-ghada li Spiteri kien gie arrestat, kien mar fuqhom jghajjat maghhom u jistaqsi min kien uzalu l-van ghax fih kien instab *"xi imbarazz"*. Dan Joseph kien dipendenti mid-droga u fil-jum in kwistjoni il-van kien ghandu *"Ghidtlu l-van ma missejtux hux. Ghidtlu Joseph missu u mar qadja bih hux"*.[35]

Il-Qorti tistaqsi: **Ghaliex l-imputat issemmi biss lil Ebejer bhala dik il-persuna li kien xoghol dakinhar? Ghaliex dwar dan 'Joseph' jaghzel li ma jghid xejn jekk kien gie indikat lilu mill-istess Vella?**

In kontro-ezami jixhed li x-xoghol kien isir bi shab ma Frans u Joseph, li kien gieli jmur u gieli le, kien jghinnhom billi jnewwel it-tajn jew l-ilma. Vella jibqa ma joffri ebda dettal dwar dan Joseph u jghid biss li kien joqghod il-*Qawra "wahdu kien jigi ghax-xoghol"*.[36] Ix-xoghol fuq it-31 Bar dam ghal xahrejn u kienu jithallsu mill-imputat.[37] Joseph kien imur ghax-xoghol b'mutur Piaggio u meta Spiteri kien staqasieh x'kien ghamel fil-vann, dan cahad li kien ghamel xi haga izda wara gimgha ma baqax imur ghax-xoghol.[38]

Illi **Frans Ebejer** xehed li xogholu kien fil-madum u tibjid u kien jaf lill - imputat f'dak ix-xoghol. Jikkonferma dak li qal Vella u cioe` li x-xoghol kien qed issir minnu, minn Vella u certu Joseph. Ebejer kien imur ghax-xoghol bit-Toyota ta' Spiteri *"kont inwassallu l-ghodda u t-tavluni u nghaddu ghal wiehed Joseph"* li kien jinghata lift mill-pjazza ta' San Giljan fejn hemm l-Ghassa.[39] L-iktar li kien jaghmel uzu mill-pick up kien Joseph sabiex jaghmel xi qadi. Meta Spiteri kien ikkonfrontahom dwar minn kien uza l-pick-up *"lili qalli min uzah il-van dak inhar u ghidtlu mhux Joseph. L-izjed li juzah Joseph kien."*[40]

Hawn kontradizzjoni cjara bejn Vella u Ebejer dwar kif Joseph kien jasal ghax-xoghol peress li filwaqt li Vella jghid li kien imur ghax-**xoghol**

---

[34] Fol.131
[35] Fol.132-133
[36] Fol.135
[37] Fol.136
[38] Fol.138
[39] Fol.143
[40] Fol.145

**wahdu b'mutur** tal-marka Piaggio ta' lewn blu jew iswed[41], Ebejer jghid li *"**nghaddu** (fil-plural) ghalih"*[42] u ftit wara *"kont **nippikjah** (fs-singular) minn fejn l-Ghassa ta' San Guljan."* Fejn kien jasal bil-mixi![43] Din id-divergenza tikkulmina meta l-istess xhud jiddikjara *"Le dejjem jien ghaddejt ghalih"*[44] izda Vella kien xehed *"Mhux wahdu kien jigi ghax-xoghol.....Imma wahdu kien jigi ghax-xoghol. Konna nghidulu fis-7:00am ejja u ma kienx jahdem il-gimgha kollha… Pros: Meta ma jigix imbghad kif jigi ghax-xoghol? Xhud: Mhux jaqbad jigi wahdu. X'taghmel? Tkeccieh?"*.[45]

Illi **Pierre Mifsud** is-sid ta' 31 Bar spjega kif f'Gunju, 2002, kien inkariga lill-imputat b'xoghol ta' refurbishment u ghalkemm suppost kellhom ikunu 3 minn nies, daqqa kien jigi wiehed biss jew tnejn. Hu kien ikun ta' sikwiet fuq il-post u jiftakar certu wiehed qsajjar jismu Joseph li kien imur ghax-xoghol b'vann tax-xoghol li kien jintuza b'ramel u cement go fih.[46] Jispjega li kien jarahom ihottu l-van li kien jinstaq minn zewg lavranti. Dwar l-imputat kien imur biss filghaxija u kienu tlewmu ghax ix-xoghol dam izjed peress li minflok 3 jew 4 impjegati kienu jmorru 2 biss[47] u jsemmihom bhala *"Joseph zgur u Frans"*.[48] Jispjega li Joseph kien jaghmel il-qadi bil-van.[49]

Interessanti l-kliem li jtemm ix-xhieda tieghu Mifsud meta jiddeskrivi dak li Spiteri kien qallu *"qalli qed nehel jiena, qalli ghax sabuhom fil-van, qalli issa l-van ma nsuqux jiena…..Qalli l-van ilu ma jkun f'idejja zmien qalli kif taf inti. U veru. Jiena qatt ma rajtu bil-vann. Dejjem il-haddiema jkunu bil-van"*.[50]

Il-Qorti tikkunsidra s-segwenti rizultanzi:

1. Ghalkemm jghid li ma kienx isuq it-Toyota, fil-jum meta kien gie intercettat Spiteri kien gie osservat **wahdu** isuqu. **Ma kien hemm**

[41] Fol.138-139
[42] Fol.143
[43] Fol.146
[44] Fol.147
[45] Fol.135-136
[46] Fol.159
[47] Fol.160
[48] Fol.161
[49] Fol.162
[50] Fol.163

**ebda ghoddod u ingenji jew materjal iehor fuqu li jindika li kien qed jintuza – dakinhar – ghal xi xoghlijiet!**

2. Kif la Vella u lanqas Ebejer ma jsemmu xejn fix-xhieda minn taghhom dwar il-fatt li l-imputat kien mar ma Ebejer ghal xi fanali Hal-Qormi?
3. Ghaliex ma ppruvawx ifakkru lill-imputat meta kkonfrontahom u staqsihom min kien 'uzalu' l-vann? Ghaliex ma fakkruhx, specjalment Ebejer, li kienu marru jixtru l-fanali u li kien hu li saqu?

Illi **Noel Azzopardi** xehed li hu kien jahdem mal-imputat bhala *salesman* u *delivery man* fejn kien juza l-van Isuzu tal-friza li kien ikun ipparkjat fir-residenza tal-imputat. Ghalhekk kien imur ghalih bil-mixi, jghaddi ghall-imputat u jibdew ir-rotta tal-gurnata. Fl-2002 l-imputat kellu impjegati jaghmlu xoghol ta' tibjid u kostruzzjoni Joey Chalie u Frans li *"li kien joqghod fl-istess appartament tas-Sur Spiteri"*.[51] Azzopardi jghid li anke hu gieli ghamel uzu mit-Toyota filwaqt li ftakar li dakinhar li l-imputat gie arrestat hu kien bil-van tal-friza u *"It-Toyota l-ahmar mhux ghand l-ohrajn ghand dawk li jahdmu l-construction bih"*.[52]

Min din ix-xhieda tibda tifforma stampa ghaliex Francis Ebejer xehed bil-mod kif xehed, u cioe` li kien jghix fl-istess appartament mal-imputat meta fil-kors tax-xhieda tieghu dan hu dettal li jonqos milli jsemmi anzi jghid li kien jafu minhabba ragunijiet ta' xoghol.[53]

**Illi l-fatt li l-Isuzu kien ikun ghand l-imputat li kien juzah biex jiehu u jqassam l-ordnijiet (tal-confectionery) tkompli tikkonferma li ma kienx jaghmel sens li wara li mar it-31 Bar, kien baqa bil-pick-up (li gie intercettat bih) li certament ma kienitx il-vettura idoneja partikolarment meta il-freezer van (isuzu) kien thalla hdejn it-31 Bar!!**

Illi **Charles Sammut** xehed fl-2009, wara li l-kawza regghet issoktat quddiem il-Qorti diversament presedjuta wara appell tal-imputat. Sammut qal li hu kien jaghmel xoghol ta' plasterer flimkien ma huh Joseph maghruf bhala 'Joey'. Kien qabdu l-imputat jagmel xi xoghol fit-31 Bar fejn kien jahdem bil-gurnata flimkien ma tnejn ohra Frans Ebejer

---

[51] Fol.233

[52] Fol.235

[53] Fol.140-141

maghruf bhala *"Firollu"* u Charlie Vella maghruf bhala *"l-Gaga"*.[54] Frans Ebejer kien jghaddi ghalih San Giljan bil-pick-up (Toyota) tal-imputat izda kien hemm drabi meta mar ghax-xoghol bil-mutur Piaggio.[55] Spjega li hadem mal-imputat ghal xahar u nofs u li l-pick-up kien jintuza biex jixtru materjal u xi hobz *"L-iktar wiehed li kien ikun hafif fuq ix-xoghol imur. Jigifieri jien uzajtu hafna drabi. Dak uzah, kollha wzajnieh bazikament."*[56]Sammut ikompli jispjega dak li kien gara meta l-lavranti gew kkonfrontati minn Spiteri *"gie Chalie darba minnhom, qabad jghajjat, minhabba xi ma nafx x'sabulu fil-van u jien dik kienet il-haga minn naha tieghi. Ma mortx izjed…sabulu xi droga ghandu jkun fil-van….Jien ma flahtx inkellmu ghax Birkirkara sploddieh bl-ghajjat kien"*. Ix-xhud xehed kif waqaf imur ghax kien ikollu kunflitti ma Charlie Vella (il-Gagu).[57] Mistoqsi kienx vizzjat mid-droga jew kienx jiehu kura ghaliha, ma jwegibx.[58]

In kontro-ezami jixhed li l-imputat **kien imur wara nofs in-nhar b'van freezer**. Ftakar li l-imputat kien gie arrestat wara nofsinhar meta hu kien baqa fuq il-lant tax-xoghol ma tnejn l-ohra *"konna tlieta (3)"* u kien saq il-pick-up filghodu meta mar jixtri katusi u hobz. Ikompli li Spiteri kien ha l-van ghal xi 1.30pm wara li kien twassal minn haddiehor.[59] Sammut isib diffikulta` kbira jispjega ghaliex kien cert li l-vettura kien hadha l-imputat wara nofsinhar meta hu l-ahhar li saqha kien filghodu sad-9.30am. Wara jikkoncedi li l-imputat seta' ha l-van mid-9.30am l'hemm, wara li kien uzah hu *"U ija seta'"*.[60] Fl-ahhar tal-kontro-ezami tieghu jirrizulta li kien l-imputat li talbu jixhed u li hu kien ghamel zmien joqghod Ta' Giorni fejn joqghod ukoll l-imputat.[61]

**Ghalhekk jikkoncedi li l-imputat kien ilu in-nofs ta' nhar ta' filghodu juza l-pick-up**

Jigi sottolinejat ukoll li filwaqt li l-imputat kien xehed li hu kien nizel bl-Isuzu it-31 Bar, **Noel Azzopardi qal li kien hu li kien juza l-Isuzu ghax-xoghol tant li kien jghaddi ghall-imputat**. Jibqa' ma jsemmi xejn li kien

---

[54] Fol.217
[55] Fol.218
[56] Fol.218
[57] Fol.219
[58] Fol.220
[59] Fol.225
[60] Fol.227
[61] Fol.227

wassal lill-imputat it-31 Bar bl-Isuzu dakinhar li gie intercettat mill-pulizija. Dan jinghad tenut kont li Sammut xehed li dakinhar Spiteri kien ha l-pick-up ghal xi 1.30pm wara li kien twassal minn haddiehor.[62] Minn naha tieghu l-imputat qatt ma jsemmi li ttiehed it-31 Bar minn xi hadd[63] tant li wara mar ghall-fanali ma' Ebejer *"irritornajna lura fuq ix-xoghol u tlaqt minn hemm hekk jiena…u waqqfuni l-pulizija"*.[64]

**Mhux talli Azzopardi jibqa' ma jsemmi xejn li kien wassal lill-imputat it-31 Bar anzi jghid li dakinhar l-Isuzu kien f'idejh.**[65]

Illi wara li f'dan il-kaz regghet inghatat sentenza fis-17 ta' Lulju, 2014, wara rikors ta' appell mill-imputat, nhar is-26 ta' Marzu, 2015, il-Qorti tal-Appell ddikjarat dik is-sentenza bhala nulla w l-atti regghu gew rinvijati lil din il-Qorti, kif preseduta, sabiex wara li jergghu jigu kkunsidrati l-provi migbura, tiddeciedi l-kawza mill-gdid. Kien ghalhekk li din il-Qorti ikkunsidrat u fliet il-provi kollha prezentati f'dawn l-atti u awtorizzat is-smigh mill-gdid tax-xhud Charles Sammut.

Illi **Charles Sammut** rega' xehed f'Ottubru, 2017, u dan wara li gie debitament mwissi dwar id-dritt li ma jinkriminax lilu nnifsu. Beda biex spjega li kellu mutur u kien jistenna lil haddiema tal-imputat biex jghaddu ghalih San Giljan. Ghamel zmien jahdem it-31 Bar u *"Jien niftakru jghid lil kulhadd li sabulu xi drogi insomma…fil-vann…Li kont insuq jiena"*. Jghid li Spiteri inkwieta ghar-reputazzjoni tieghu u beda jagixxi qisu *"Tigra"*.[66]

Sammut jghid li d-droga kienet tieghu u jispjega li ma semma xejn dwar dan meta xehed f'okkazzjoni ohra ghaliex *"llum qieghed sewwa u Charlie ghaddej minn bhar inkwiet minhabba fija….Kienu tieghi"*.[67]

Il-Qorti tinnota li dan il-kaz kien thalla *sine die* u gie rikjamat fuq ordni tal-Qorti stess u mhux ghax gie mitlub li jinstema' dan Sammut fuq talba tieghu stess! Ghalhekk x'waqqaf lil Sammut milli jnaddaf il-kuxxjenza billi jmur ghand il-Pulizija min rajh u mhux jistenna din l-okkazzjoni

---

[62] Fol.225
[63] Fol.119
[64] Fol.121
[65] Fol.235
[66] Fol.475
[67] Fol.476-477

sabiex id-difiza terga tipproducieh meta l-provi kienu lahqu nghalqu u dan il-kaz kien wasal sabiex terga' tinghata sentenza? Kien biss provvidenzjali li l-Qorti tal-Appell iddecidiet kif iddecidiet ghax kieku sieket kien u sieket kien ser jibqa! Possibbli li kieku ma ssoktawx dawn il-proceduri kien lest ihalli lil *"Charlie ghaddej minn bhar inkwiet minhabba fija"*. Jekk kien user, x'uzu kellu ghal mizien?

Huwa fil-kontro ezami li jirrizulta kemm, simili ghax-xennati li jinghad li ghamel l-imputat fit-31 Bar wara li gie rrilaxxat mill-arrest, din kollha hi messa in xena u tejatrin manipulat minn min ghamel minn kollox u holoq xenarju biex jipprova jiskolpa lilu nnifsu. Daqstant iehor hi messa in xena u pantomina x-xhieda ta' Sammut li minflok ikkonvinciet lill-Qorti dwar l-innocenza ta' Spiteri, kompliet tissigilla l-kaz tal-prosekuzzjoni.

Fil-fatt ghalkemm ix-xhud kapaci jsemmi l-oggetti kollha li nstabu fit-Toyota, izid li d-droga thalliet bejn il-compartment (il-console) u s-seat u jghid li din kienet ***"Gol-Boroz….Go diversi boroz u borza wahda".***[68] Ix-xhud jghid li ma kienx mar ghand il-pulizija qabel ghax kien ghadu mifni bil-problema tad-droga izda llum kien gie *clean*. Il-Qorti terga tirrimarka li persuna ma tigix clean mill-lum ghal ghada u qabel seduta msejjha fuq ordni tal-Qorti! Altru` kellu zmien sufficjenti wara li ma baqax guvni u beda jibni familja kieku dak li jghid kien minnu u ried jghid issewwa biex jidritta l-moghdijiet tieghu!

Madanakollu Sammut jisigilla dak li l-Qorti qed tqis li hu l-spergur tieghu meta xehed *"u kelli l-carbonara [sic] biex insajjara din u **l-mizien gol-bieba**"*.[69] Jerga' jinqabad meta jaghti aktar dettal *"U mall-bieba kelli l-mizien u kelli l-carbonara ….[Qorti liema bieba?]…**Tan-naha tad-driver**"*.[70]

Inoltre` kif diga intqal mill-ufficjali tas-scene of crime u kif jirrizulta mir-ritratti esebiti, **il-boroz ma kienux *diversi* kif jixhed Sammut** izda kien hemm biss tnejn, wahda go ohra: *"02 BMZ 201 Borza tal-plastik trasparenti b'xi tracci ta' trab ta' lewn abjad go fih u borza ohra maghluqa permezz ta' ghoqda maghmula mill-istess borza kontenenti trab abjad. Gie nnotat li dina l-borza kellha toqba u fuq it-tapezzerija kien hemm xi trab abjad li kien hareg*

[68] Fol.478
[69] Fol.477
[70] Fol.480

*mill-istess toqba.".*[71] Ir-ritratt tad-dokument 02 BMZ 201[72] jikkonferma li borza wahda kien hemm imdahhla f'borza ohra biss u mhux diversi boroz!

Izda izda aktar minn hekk il-mizien ma kien fl-ebda bieba tan-naha tax-xufier mal-bicarbonate of soda kif jixhed Sammut izda fil-console! *"Oggetti li kienu fil-kompartament ta' bejn is-sedil ta' quddiem:- 02 BMX 203 Borza tal-karti ta' lewn kannella kontenenti kaxxa b'xi kliem stampati fuqha bhal "Tanita Digital Scale model 1479". Gewwa dina l-kaxxa kien hemm pouch ta' lewn iswed minn naha wahda. Gewaa da nil-pouch kien hemm mizien b'xi kliem stampat fuqu bhal Tanita model 1479".*[73]Ir-ritratti 02 BMZ 12 u 02 BMZ 15 jixhdu ix-xhieda falza taht gurament tax-xhud Sammut.

It-tentattiv tax-xhud li jiskolpa lill-imputat billi jitfa' il-htija fuqu – ghar-ragunijiet li issa trid tindaga dwarhom il-Pulizija Ezekuttiva – falla u falla bil-kbir.

**Illi bix-xhieda ta' Sammut aktar gie sostanzjat il-kaz tal-prosekuzzjoni! Jekk id-droga kienet tieghu, meta kien jaf li l-van ma juzahx biss hu, kien ser ikun daqshekk ingenwu li jhalliha f'vettura ta' haddiehor? U propjament f'post daqshekk vizibbli?? L-ammont li nstab ma kienx ammont li kien for personal use u dan hu importanti peress li Sammut kien user u minn imkien ma jirrizulta li kien jispacca d-droga!**

Illi jirrizulta li x-xhieda ta' dawk li kienu lavranti mal-imputat, ghamlu hilithom sabiex jippruvaw jiskulpaw lill-imputat fejn isemmu ix-xenati li kien ghamel wara li kien gie rrilaxxat mill-arrest, izda tali xhieda hi karaterrizata minn inkonsistenzi diversi u taghti lok ghall-hafna domandi kif gja gie rrimarkat aktar il-fuq.

Illi l-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti meta giet biex tiddetermina jekk kellhiex tinstab htija dwar l-ewwel imputazzjoni kienu is-segwenti:

- Frans Ebejer bl-ebda mod ma jikkorobora x-xhieda tal-imputat li kien mar mieghu ghall-fanali Hal-Qormi;

[71] Fol.32 Xhieda ta' PS 602 u PS659
[72] Ritratt 02 BMZ 20
[73] Fol.33

- Kontradizzjonijiet tal-lavranti Vella u Ebejer dwar kif kien jasal fuq il-post tax-xoghol Sammut;
- Ix-xhieda sforzata ta' Sammut, kontradetta mill-provi kif inghad, li tipprova tindirizza il-verzjonijiet konfliggenti ta' Ebejer u Vella;
- Il-persuna bl-isem 'Joseph' tissemma ghall-ewwel darba minn Charlie Vella u mhux mill-imputat. Ghaliex l-imputat jaghzel ma jinvolvihx lil Sammut jekk is-suspetti kienu mill-ewwel marru ghal fuqu tant li Vella u Ebejer jixhdu li mill-ewwel infurmaw lill-imputat li kien dan Joseph li kien saq it-Toyota dakinhar u kienu jafu li kien vizzjat mid-droga??
- Ghalkemm kulhadd kien jirreferi ghal certu persuna bhala "Joseph", l-unika indikazzjoni dwar min kienet din il-persuna tasal mix-xhud Charlie Sammut li jixhed li huh kien jismu "Joseph" izda li hu kien maghruf ukoll bhala "Joey"!
- Il-fatt li meta twaqqaf it-Toyota kien wahdu, u ma kien hemm ebda ghoddod u materjal fuqu relattat max-xoghol li suppost kien qed issir dakinhar fit-31 Bar;
- Noel Azzopardi jghid li hu kien salesman u delivery man mal-confectionery tal-imputat. Kien juza l-Isuzu ghax-xoghol. Ghalhekk b'liema vettura kien l-imputat waqt li l-Isuzu kien f'idejn Azzopardi, kif wara kollox ikkonferma li kien dakinhar li gie intercettat Spiteri bit-Toyota?
- Sammut xehed li dakinhar li gie intercettat, l-imputat Spiteri kien ha l-van ghal xi 1.30pm wara li kien twassal minn haddiehor.[74] Izda l-imputat qatt ma jsemmi li ttiehed it-31 Bar minn xi hadd[75] tant li wara mar ghall-fanali ma' Ebejer *"irritornajna lura fuq ix-xoghol u tlaqt minn hemm hekk jiena…u waqqfuni l-pulizija"*.[76] Lanqas Azzopardi ma jindika li kien wassal lill-imputat it-31 Bar u jghid li dakinhar l-isuzu kien f'idejh.[77]
- Kif seta' l-imputat ma rax id-droga jekk din kienet vizzibbli tant li dehret mill-ewwel meta saret it-tfittxija?
- L-ispjegazzjoni fazzula u insensata ghall-fatt li fit-Toyota kellu jzomm bott daqshekk zghir ta' *bicarbonate of soda* sabiex jintuza ghal freezers fil-confectionery, fejn wiehed kien jistenna li jintuza catering size, tkompli xxejjen il-verzjoni tal-imputat;

---

[74] Fol.225
[75] Fol.119
[76] Fol.121
[77] Fol.235

- **L-imputat fix-xhieda tieghu jinnega li d-droga kienet tieghu u b'hekk lanqas ma wera li din kienet ghall-uzu personali tieghu**;
- Il-fatt li nstab mizien li nstab fil-vettura tieghu u li certament ma kienx jintuza ghall-skopijiet ta' catering fil-manufattar tar-ravjul!;
- Il-piz tad-droga;
- Il-purita` relattivament gholja tal-istess droga, li kommunament tigi mhallata ma *cutting agent* bhal ma hu l-bicarbonate of soda.

Illi mir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li d-difiza ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad tal-probabbli. Anzi il-kaz li ppruvat taghmel id-difiza fl-ahhar mill-ahhar ghen, senjatament bix-xhieda ta' Sammut moghtija fl-ahhar granet li ghex dan il-process, biex il-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi f'dan il-sfond irid jigi deciz jekk il-pussess tad-droga in kwistjoni kienitx pussess aggravat peress li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu. **Konsiderazzjonijiet huma ic-cahda kategorika tal-imputat li l-oggetti kienu tieghu *"Ma kienux tieghi le"*,[78] l-ammont ta' droga misjuba, <u>34.921 grammi</u> tas-sustanza kokajina b'purita` ta' <u>30%,</u>[79] is-sejba ta' mizien u *bicarbonate of soda*, cutting agent.**

Isir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri**[80]

Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "**possession with intent to supply**", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta'l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:

[78] Fol.123

[79] Fol.72

[80] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell Nru. 243/2016, Deciza 27.04.2017

**"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha"** [81]

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*
* Possession of a quantity inconsistent with personal use.*

* Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

* Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

* Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

* Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

* Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

* Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

* Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

* Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.4"*[82]

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."

---

[81] 02/09/1999
[82] www.cps.gov.uk

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Maghmula allura dawn il-kondsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq evidenti li l-interpretazzjoni li l-appellanti qed jintenta jaghti lir-reat addebitat lilu ma huwiex wiehed ghal kollox korrett billi qed jistrieh iktar fuq id-definizzjoni moghtija fid-dritt ingliz iktar milli dak lokali fejn il-ligi mkien ma' tindika illi l-pussess irid ikun wiehed "with intent to supply" izda wiehed li "mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati" distinzjoni sottili hafna li madanakollu ma igorrx mieghu l-piz iebes li hemm fuq il-prosekutur brittaniku kuntrarjament ghal prosekutur malti. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.
L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha fl-istess ismijiet kienet ikkunsidrat gurisprudenza ohra li ggwidata fid-decizjoni taghha:

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:
" *… l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Imbghad fid-decizjoni **Il-Pulizija versus Carmel Spiteri**, l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:[83]

'Huwa veru, li kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taħgha, li meta l-ammont ta' droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirksotanza li waħdiha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.'

Kif gie ritenut fil-kawza **Il-Pulizija vs Stephen Abela**[84], l-punti ewelenin stabbiliti mill-gurisprudenza u mill-ligi huma s-segwenti:

a. "Kull kaz irid ikun studjat ghalih
b. Indizju wiehed huwa bizzejjed biex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-pussess huwa wiehed aggravat.
c. Meta tinstab ammont konsiderevoli ta' droga (u ma jkunx hemm xi indizji ohra), il-Qorti tista' (ghalkemm mhux bilfors) tikkonkludi li jkun ippruvat il-pussess serju izda mhux dak aggravat.
d. Biex il-Qorti issib il-pussess aggravat trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni.
e. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni ta'l-artikolu 26(1) tal-Kap101." (Il-kaz iccitata kien jitratta dwar id-droga erojina[85]).[86]

---

[83] Appell Numru 327/98; Deciz 2 ta' Settembru, 1999 per Imhallef Dr. Vincent de Gaetano

[84] Qorti tal-Magistrati (Imhallef Lawrence Quintano) – 08/04/2005 ikkonfermata fil-Qorti ta'l-Appell decizjoni moghtija fit-18 ta' Awwissu 2005.

[85] Il-Qorti hawn ghamlet referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi fejn gie deciz: *"L-ewwelnett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe' il-prova ta'l-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni. Jekk pero' dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx ma'l-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova imqar fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu u dan b'applikazzjoni ta'l-artikolu 26(1) tal-Kap101."*

[86] Citat mis-sentenza **Il-Pulizija vs David Harmer**, Deciz nhar it-3 ta' Marzu, 2014, mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D.

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali u fuq l-insenjament tal-Qrati nostrani, din il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni altru li ppruvat l-ewwel imputazzjoni sal-grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni.

Mhux l-istess jista' jinghad rigward it-tieni imputazzjoni fejn ma ngiebet ebda prova biex tissostanzja dik l-imputazzjoni u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minnha.

In kwantu ghal-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab htija, l-ammont u purita` tad-droga misjuba, il-fedina penali aggornata[87] tal-imputat minn fejn jirrizulta li kemm il-darba xellef duffrejh mal-gustizzja, tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz u senjatament li kien hemm trapass sostanzjali ta' zmien minn meta sehh dan ir-reat, liema trapass mhux imputabbli lill-imputat (ghalkemm kien hemm diversi okkazzjonijiet fil-kors tal-procediment fejn dan naqas li jidher u kellu jingieb b'mandat t'arrest).

Ghal dawn il-motivi wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (L.S.101.02; GN 292/1939), filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, issibu hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għal hmistax il-xahar prigunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €550.

F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[87] Fol.381 et seq.

Finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk jezistux l-estremi legali li jsawwru ir-reati kkontemplati fis-Sub-Titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' L-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan primarjament fil-konfront ta' Charles ossia Charlie Sammut.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**